MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 194/2012

**GO p.l.c**
**Vs**
**NAXAS S.r.L. (O.C. 358)**

**Il- Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf imressaq fit-23 ta’ Frar, 2012 li bih u ghar-ragunijiet hemm imfissra, l-kumpanija attrici talbet li din l-Qorti:

(i) Tikkundanna lill-kumpannija mharrka thallasha s-somma ta’ tlettax –il elf mija u hdax –il euro u tmien centezmi (€13,111.08) li jirraprezentaw l-ghoti ta’ servizzi telefonici lilha moghtijin skond kuntratti ta’ servizz tas-6 ta’ Awwissu, 2007 u 27 ta’ Novembru, 2007;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-kumpannija mharrka ghall-finijiet tal-Art 187(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’

Malta, naqset li tipprezenta risposta fiz-zmien moghti lilha mil-ligi u hekk waqghet kontumaci.

Semghet l-avukat tal-kumpannija attrici waqt is-smigh tal-lum;
Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tal-kumpannija mharrka tiddeciedi billi:

Tilqa’ t-talba u tikkundanna lill-kumpannija mharrka thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta’ tlettax –il elf mija u hdax –il euro u tmien centezmi (€13,111.08) rapprezentanti l-hlas tas-servizzi fuq imsemmija, flimkien mal-imghaxijiet legali fuq dik s-somma b’sehh mit-30 ta’ Awwissu, 2012, sal-jum tal-hlas effettiv;

**Tikkundanna** lill-istess kumpannija mharrka thallas ukoll **l-ispejjez tal- kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------